Msida,
Malta.

NEWSPAPER POST

# Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ - Għawdex*

Jannar - Frar 2008 Nru 160

# Ħalliena Mons. Anton Grech Vella
## (1917-2008)



**Monsinjur Anton Grech Vella**
Kamrier Sigriet Soprannumerarju tal-Qdusija Tiegħu
Prokuratur tal-Bażilika ta' San Ġorġ
Kanoniku Teżorier u t-Tielet Dinjita' fil-Kolleġġjata Urbana
Victoria Għawdex
30-IX-1917 - 25-II-2008

Hu b'niket li din il-pubblikazzjoni tħabbar għal darba oħra l-mewt ta' wieħed mill-ulied l-aktar għeżież tal-parroċċa ta' San Ġorġ. Bil-mewt ta' Mons. Anton Grech Vella, magħruf fostna bħala "Dun Anton ta' Fenka", ingħalaq kapitlu importanti fl-istorja tal-bażilika ta' San Ġorġ, li tafu b'benefattur wisq eminenti tagħha. Xieraq għalhekk li minn hawn insellmu t-tifkira għażiża tiegħu u nitolbu għal ruħu.

Anton Grech Vella twieled il-belt Victoria, minn Salvu u Marija, fit-30 ta' Settembru 1917. Studja fl-iskola sekondarja tal-Gvern u fis-seminarju. Wara l-istudji tiegħu fis-seminarju maġġuri ġie ordnat saċerdot fil-kappella tas-seminarju fl-1 ta' Awwissu 1943, mill-isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi, u ġimgħa wara, jiġifieri fit-8 ta' Awwissu, iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fuq l-altar l-antik tal-bażilika ta' San Ġorġ. Għal disa' snin ta s-servizz liturġiku tiegħu bħala kappillan tal-kor fil-knisja katidrali, u iktar tard bħala sagristan maġġur tal-parroċċa ta' San Ġorġ, jiġifieri bejn l-1956 u l-1959 u mill-ġdid bejn l-1971 u l-1976. Kien ukoll għalliem fis-seminarju minuri, kif ukoll assistent ekkleżjastiku fl-Azzjoni Kattolika u direttur spiritwali fil-Leġjun ta' Marija. Fl-isptarijiet statali ta' Għawdex ta servizz kbir bħala kappillan għall-parti l-kbira tal-ministeru saċerdotali tiegħu, sa mill-1952. Fuq rikors ta' l-isqof djoċesan Mons. Ġużeppi Pace, fit-28 ta' Frar 1965 il-Q.T. l-papa Pawlu VI għamlu Kappillan tal-Qdusija Tiegħu bit-titlu ta' Kamrier Sigriet Soprannumerarju, u

*Ikompli f'paġna 9...*

## Programm Ġimgħa Mqaddsa 2008 – Bażilika San Ġorġ

**Is-Sibt 15 ta' Marzu**
8.00pm: Programm ta' mużika reliġjuża fil-bażilika mill-banda ċittadina La Stella.

**Il-Ħadd 16 ta' Marzu – Ħadd il-Palm**
10.45am: Tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza u purċissjoni lejn il-bażilika.
11.00am: Konċelebrazzjoni solenni b'tifkira tal-Passjoni tal-Mulej.

**It-Tnejn 17 ta' Marzu**
6.00pm: Ċelebrazzjoni penitenzjali mmexxija mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali.
7.00pm: Pellegrinaġġ penitenzjali lejn il-bażilika bl-istatwa tar-Redentur.

**L-Erbgħa 19 ta' Marzu**
7.00pm: Via Crucis fi Pjazza San Ġorġ immexxija mill-isqof Mons. Mario Grech.

**Il-Ħamis 20 ta' Marzu – Ħamis ix-Xirka**
6.30pm: Konċelebrazzjoni solenni ta' l-Ikla tal-Mulej.

**Il-Ġimgħa 21 ta' Marzu – Il-Ġimgħa l-Kbira**
4.00pm: Liturġija solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej.
6.30pm: Purċissjoni solenni tal-Ġimgħa l-Kbira mat-toroq tal-belt Victoria.

**Is-Sibt 22 ta' Marzu – Il-Vġili ta' l-Għid**
8.00pm: Liturġija solenni tal-Lejl Qaddis ta' l-Għid.

**Il-Ħadd 23 ta' Marzu – L-Għid il-Kbir**
8.45am: Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.
11.00am: Konċelebrazzjoni pontifikali ta' l-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej.
3.00pm: Jibda t-Tberik tal-Familji mill-arċipriet.

University of Malta, The Library,





Ufficċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, VCT 1100, Għawdex.**
Tel: 21 556 377 • Fax: 21 556 981
email: ilbeltvictoria@gmail.com
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

### Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali

**24-11-2007** **Richard**, iben Joseph Formosa u Virginia Marie Bartolo
**9-12-2007** **Julian**, iben Saviour Farrugia u Rosanne Sillato
**18-12-2007** **Geordie**, iben Steve Ellis u Laura Cauchi
**02-02-2008** **James**, iben Jason Vassallo u Romina Borg
**03-02-2008** **Kristen**, iben Brian Grima u Hilda Galea

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

**09-02-2008** **Stephen Cuachi** u **Francienne Attard**

### Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

**25-12-2007** **Mariantonia Gatt**
**01-01-2008** **Mikelang Saliba**
**07-01-2008** **Guzeppa Micallef**
**17-01-2008** **Frances Galea**
**24-01-2008** **Mary Guaci**
**28-01-2008** **Carmela Galea**
**09-02-2008** **Maria Vella**
**25-02-2008** **Mons. Antonio Grech Vella**

## IL-WEBSITE TA' SAN ĠORĠ:

# www.stgeorge.org.mt

- Idħlu fiha ħa tkunu tafu x'inhu jiġri fil-Parroċċa tagħkom.
- Għadduha lil xulxin u agħtuha lill-emigranti li għandkom.
- Ibagħtu messaġġi fuqha permezz tal-Guestbook.
- Agħtu s-suġġerimenti tagħkom biex titjieb.
- Qed tiġi "updated" regolarment, diversi drabi fil-ġimgħa.

## Nifirħu lil

• Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu, li fi tmiem Jannar 2008 ġie maħtur, mill-Konferenza Episkopali Maltija, President tal-Kummissjoni *Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa*.

• Francesco Pio Attard u Simon M. Cachia, iż-żewġ seminaristi tal-parroċċa, li nhar il-Ħadd 24 ta' Frar 2008 ġew mogħtija l-ministeru tal-Lettorat mill-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, fil-knisja parrokkjali ta' l-Għarb.

# *Editorjal*

Għeżież qarrejja, qegħdin fl-aktar jiem importanti li toffrilna l-Knisja fis-sena, dawk tar-Randan. Bħal kull sena l-bażilika tagħna tħejji minn qabel għal dawn l-okkażjonijiet speċjali. Żgur li ħafna mill-qarrejja attendew għal wieħed mill-korsijiet ta' eżerċizzi li ġew organizzati mill-parroċċa. Fil-Ġimgħa Mqaddsa nħeġġukom ukoll biex tkunu minn ta' quddiem għad-diversi funzjonijiet sbieħ ta' din il-ġimgħa l-aktar importanti fil-liturġija tagħna. Fost l-oħrajn insibu l-purċissjoni devota u antika li toħroġ mill-bażilika ta' San Ġorġ, kif ukoll id-dimostrazzjoni ta' Ħadd l-Għid filgħodu. Imma fuq kollox huwa importanti li nattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet il-kbar tat-Tridu ta' l-Għid biex ilkoll inkomplu nissaħħu fil-fidi tagħna f'Ġesù. B'dawn l-attivitajiet, u oħrajn bħal-*Lectio Divina* u l-bosta laqgħat li l-parroċċa torganizza, inkunu qed naħdmu biex jikber dejjem aktar l-għarfien tal-fidi tagħna u l-esperjenza dinamika tagħha.

Din is-sena taħbat il-ħamsin anniversarju mill-għoti tat-titlu ta' bażilika lil din il-parroċċa. Din hi ġrajja storika ta' importanza kbira li tissimbolizza s-servizz li din il-bażilika ilha toffri sa mill-qedem, mhux biss lill-Ġorġjani imma lil eluf ta' Għawdxin u Maltin li jżuru dan it-tempju. Kien għalhekk xieraq li dan it-titlu, l-ewwel wieħed f'Għawdex, ingħata lill-parroċċa li tant tat servizz lill-Knisja Għawdxija. Minn din il-ħarġa sa nippubblikaw sensiela ta' artikli fuq l-istorja tal-bażilika ta' San Ġorġ, biex iktar nifhmu x'inhi t-tifsira kuntestwali imma wkoll reliġjuża ta' dan il-ġieħ.

Fl-aħħar xhur ġraw bosta ġrajjiet ta' kronaka fil-parroċċa tagħna. L-ewwelnett il-ħatra ta' Mons. Ġużeppi Farrugia bħala r-rappreżentant tal-Knisja Maltija fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Smajna u tnikkitna wkoll bl-aħbar tal-mewt ta' Mons. Anton Grech Vella, benefattur kbir ta' din il-bażilika. Bħal dejjem *Il-Belt Victoria* tfittex li twasslilkom l-aħħar tagħrif u hekk tkompli tkun ħolqa siewja bejn il-parroċċa u l-komunità kollha, imxerrda mhux biss mar-Rabat imma mad-dinja kollha!

## *Messaġġ mill-Arċipriet*

**Mons. Pawlu Cardona**
cardonapaul@gmail.com



Għeżież ħuti,

Filwaqt li qegħdin noqorbu lejn il-festi ta' l-Għid imqaddes nixtieq nawgura lilkom ilkoll ferħ kbir fil-Mulej. Biex dan ma jkunx biss bil-kliem iżda frott ta' fidi vera, nistedinkom biex tirriflettu ftit fuq il-misteru ta' Kristu li għalina miet u qam minn bejn l-imwiet. Naħsbu ftit flimkien fuq l-aħħar tlitt ijiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, u fuq l-elementi prinċipali tagħhom.

**Ħamis ix-Xirka** hi kkaratterizzata mill-imħabba. Ġesù dan jurih lill-Appostli u jsejħilhom "ħbieb" u "uliedi", waqt li jinżel għarkubbtejh jaħslilhom saqajhom; jipproponi l-imħabba fraterna bħala l-"karta ta' l-identità" tad-dixxipli tiegħu; wettaq u ta l-misteru ta' l-Ewkaristija, il-ħobż li jsir Ġismu u l-inbid li jinbidel f'Demmu; waqqaf is-Saċerdozju, sagrament li jfakkarna li aħna ġejjim mill-imħabba tal-Missier li hu fis-Sema, u f'ħuna, Ġesù, li sar ikel għalina.

**Il-Ġimgħa l-Kbira.** Ġesù għallimna li l-akbar imħabba hija dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. żamm kelmtu Ġesù, u ta ħajtu għalina; qiesna bħala "ħbiebu", ukoll jekk aħna ma dawk li sallbuh. Il-Ġimgħa hu l-misteru tal-Qalb divina ta' Ġesù li ħalla lilu nnifsu jkun imsallab, imtertaq għall-imħabba tagħna. Din tbatija li ma kinitx imposta fuqu iżda fittixha hu stess għall-imħabba tagħna.

Is-skiet ta' **Sibt il-Għid** ikellimna minn qabar u minn vojt li għandhom bżonn ta' "ħajja". Ma' nżul ix-xemx, fil-lejl tant silenzjuż, jidher dawl ġdid – Kristu: il-ħajja tagħna, it-tama tagħna – u jħabbrilna l-ferħ tal-Qawmien. Iżda Ġesù ma qamx għalih biss. Bħalma fl-Inkarnazzjoni hu ħa sehem u għamel tiegħu n-natura umana, hekk ukoll il-Qawmien mill-imwiet huwa l-bidu tas-sehem tagħna fir-realtà divina. Għandna għalxiex nifirħu fi Kristu glorjuż, imma bil-kundizzjoni li ngħixu l-imħabba tiegħu u s-salib tiegħu.

L-imħabba, is-salib u l-ferħ: dawn huma ċ-ċentru tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dan jifhmuh il-Kristjani kollha? Ma taħsbux li qegħdin ngħixu fi żmien ta' infedeltà lejn Kristu u l-valuri Kristjani? Aħna nfittxu l-imħabba tad-dinja u mhux dik ta' Alla; nippruvaw inwarrbu s-salib mill-ħajja tagħna, anki jekk ma jirnexxilniex; niġru wara dak li jista' jagħti l-pjaċir. Jiġrilna li naqtgħu qalbna u nispiċċaw bla tama. Aħna, imwielda mid-demm ta' Kristu u mdawlin mill-Qawmien mill-imwiet, x'jibqgħalna nagħmlu meta naraw li l-kelma tagħna ma tiġix milqugħa? Nirrikorru għax-xhieda tagħna nfusna, billi nagħtu l-eżempju qawwi u kuraġġjuż li ngħixu l-impenji li ħadna, fil-Knisja, ma' Kristu. Din il-Ġimgħa Mqaddsa tista' tkun għalina l-okkażjoni biex inwettqu, min-naħa tagħna, att ta' fedeltà lejn Ġesù li jħobbna, li bata għalina u li hu l-ferħ tagħna.

Naħseb li lkoll tiftakru l-kelma ta' Ġesù: "Kulma tkunu smajtu fil-widnejn, xandruh b'mod qawwi minn fuq il-bjut". Wasal iż-żmien li nagħtu xhieda bl-għemejjel tagħna, bil-kliem tagħna, sa ma jaslu quddiem it-tron ta' Alla l-Missier bl-interċessjoni ta' ommna, Marija.

Nawguralkom minn qalbi l-Għid it-tajjeb... li nkunu ħaġa waħda lkoll fi Kristu.

Il-Mulej iberikkom.

## Ħalliena Mons. Anton Grech Vella

*...Jaqbad minn paġna 1.*

mbagħad meta twaqqfet il-kolleġġjata Ġorġjana fl-1975 il-fundatur tagħha, l-isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi, ħatru Teżorier u t-tielet dinjità tal-Kapitlu.

Fi żmien l-arċipretura ta' Mons. Mikiel Cefai, sa mill-1951, hu kien prokuratur tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, ħidma li għamel minn qalbu u b'imħabba disinteressata, u f'ċertu sens qatt ma telaqha. Kien hu li fost oħrajn tħabat kemm felaħ biex fl-1958 il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ġiet mgħollija għad-dinjità ta' bażilika. Imbagħad kien ukoll bit-taħbit bla serħan tiegħu li tkabbret il-knisja, u beda jsir ix-xogħol tal-pittura tas-saqaf mir-Ruman il-Prof. Gian Battista Conti u l-irħamar kollu tal-bażilika, kif ukoll id-dekorazzjoni bid-deheb u l-bronż, fosthom it-tribuna fuq l-altar il-ġdid tal-bażilika, replika ta' dik tal-Bernini fil-Vatikan. U nistgħu nibqgħu nsemmu għax hu mess ma' ħafna mill-opri li llum naraw f'San Ġorġ, li ħadem għalihom jew ikkummissjunahom hu bħala prokuratur. Dan għamlu b'sagrifiċċju u bżulija kbira, u dawn l-opri meraviljużi issa sa jibqgħu għalih l-aqwa mafkar fl-istorja. Għadda ħajtu kollha jitħabat biex San Ġorġ sar "il-knisja tad-deheb" li nafu llum! Ħafna minna jiftakruh bilqiegħda wara dik l-istess mejda żgħira, dejjem jiġbor u jikteb f'lotteriji b'risq il-knisja, f'tarf is-Suq.

Kien hu li inawgura l-bini ta' l-uffiċċju parrokkjali l-ġdid fl-2001, l-ewwel struttura li telgħet bħala parti mill-proġett il-kbir taċ-ċentru parrokkjali li issa ntemm. Kienet dejjem ix-xewqa tas-sekondu kuġin tiegħu, l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, li jipprovdilu l-kumdità li jduru bih fid-dar il-ġdida tas-saċerdoti, mibnija minnu, imma dan b'xorti ħażina qatt ma laħaq seħħ, għax Mons. Anton Grech Vella miet it-Tnejn 25 ta' Frar 2008, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, wara sentejn rikoverat fid-dar *Arka*, f'Għajnsielem. Hu kien wieħed mill-ixjeħ saċerdoti tad-djoċesi, u kien ilu għall-aħħar snin magħluq f'daru fi Triq Palma, fejn kien joħroġ ħdejn il-bieb ta' barra għal ftit arja minkejja li l-viżta tiegħu kienet marret lura sew.

Il-funeral tiegħu sar fil-bażilika ta' San Ġorġ, nhar it-Tlieta 26 ta' Frar 2008, immexxi mill-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech. Fi tmiem il-quddiesa Mons. Ġużeppi Farrugia għamel orazzjoni funebri f'ġieħu, fejn fost l-oħrajn irrifletta fuq l-imħabba ta' Mons. Grech Vella lejn il-ġmiel veru u sejjaħlu "eżempju għalina fl-imħabba vera lejn din il-bażilika Ġorġjana".

Mons. Grech Vella, li qatt ma nistgħu ninsew il-figura tiegħu, l-iżjed għax kulmin illum jidħol fis-sagristija tal-knisja jilmaħha prominenti fil-pittura tas-saqaf li hu ħadem ħafna għaliha, jibqa' wieħed mill-akbar benefatturi tal-parroċċa tagħna. Niftakru fih fit-talb tagħna. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ u l-glorja ta' dejjem.

# Tgħid jisbaħ?
# Riflessjoni għad-dawl ta' Marija, il-Maddalena

**Kan. George J. Frendo**

Naħseb li m'hemmx esperjenza umana agħar u iktar qarsa min dik ta' meta l-bniedem iħoss li hu *"useless"* jew, kif jgħidu bit-Taljan, *"non utilizzabile"*, li bi lsienna nistgħu nesprimuha bħala "mhux utilizzabbli". Naħseb li din is-sensazzjoni umana hi l-kundanna l-iktar iebsa li wieħed jista' jaqa' fiha. U iktar tkun kiefra din is-sensazzjoni iktar ma l-persuna involuta tkun tinsab f'sitwazzjoni fejn dan is-sens ta' *"uselessness"* jew *"non utilizzabiltà"* jkun jinħass fil-konfront ta' persuna maħbuba li tkun tinsab f'qagħda terminali. Imma naħseb li l-agħar ħaġa tkun meta l-persuna li tħoss lilha nfisha "mhux utilizzabbli" tkun hi stess il-kawża ta' l-istat terminali tal-persuna maħbuba.



Dawn huma preċiżament il-każ u s-sitwazzjoni ta' Marija ta' Magdala, magħrufa bħala l-Maddalena, dik il-mara li minnha Kristu kien ħareġ seba' xjaten. Ħdejn is-Salib ta' Ġesù tgħallmet x'kien sewa lil Ġesù dak il-fejqan straordinarju meta minn għarnara ta' l-ispirtu tal-ħażen għamilha għamara ta' l-Ispirtu ta' Alla. Hi kienet kollha kemm hi mfawra b'sens ta' gratitudini li esprima ruħu f'dedizzjoni sħiħa u inkundizzjonata tagħha nfisha u ta' kulma kellha lejn Ġesù u lejn id-dixxipli tiegħu. Minn rabta ta' skjavitù hi kienet għaddiet għal ħelsien totalment ġdid, bħal dak il-bniedem li minn ħabs mudlam joħroġ għad-dawl qawwi tax-xemx. Kienet kollha kemm hi indirizzata lejn il-Feddej u l-Ħellies tagħha li lilu kienet taf eżistenza kollha kemm hi ġdida u li qatt ma ttamat qabel.

Għaldaqstant dak li ħasset fuq il-Golgota, maġenb is-Salib ta' Ġesù, ma jitfissirx. Il-Ħellies orrendament imsammar mas-salib u ttormentat għall-mewt, u hi, il-meħlusa, totalment impotenti li tagħmel imqar l-iċken ħaġa li setgħet twassal għall-ħelsien tiegħu. Fil-fond bla qiegħ ta' qalbha mġedda kienet taf li l-ħelsien miksub tagħha li tħobb b'mod ġdid kien ir-riżultat tar-riskatt li kien qed jiġi mħallas bit-turmenti tal-Maħbub divin. Kieku setgħet kienet terġa' lura għall-ħabs minfejn kien ħariġha biex hekk teħles lilu minn fuq dak is-salib terribbli: kellha tissaporti dik it-tbatija morali li tkun taf u tara quddiem għajnejha mbikkija mdendel il-prezz tar-riskatt tagħha. Fehmet li l-offerta ta' mħabbitha lilu ma kinitx il-mod li seta' jdawwal il-lejl mudlam li niżel fuqu ma' l-abbandun tal-Missier. B'xi mod setgħet tifhem x'kienet tfisser dik l-għajta, "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?"; hi li għal żmien kienet maħkuma mill-qawwa qerrieda tal-ħażin. B'xi mod setgħet tifhem li dik l-esperjenza tagħha ta' qabel bħala midimba issa kienet għaddiet b'mod misterjuż u inspjegabbli fuq l-Imsallab. L-Imsallab kien qed iġorr f'ġismu l-ġerħa miftuħa tad-dnub u ta' l-istat tad-dnub tagħha (u tad-dinja), sabiex il-ġerħa tagħha tagħlaq għalkollox. "Bil-ġrieħi tiegħu intom fiqtu!" (1 Pt 2:24). Hi kellha idea x'ifisser tkun taħt il-ħakma tal-ħażin: dak is-sens terribbli ta' żmarriment, ribelljoni u disarmonija interjuri (dimensjonijiet fundamentali tad-dnub) li kien jikkaratterizzaha qabel, issa kien jikkaratterizza lill-Imsallab innoċenti! Mhux ta' b'xejn li "wiċċu tħassar, donnu ma kienx bniedem u s-sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem" (Is 52:14), hu li kien "l-isbaħ fost ulied il-bnedmin" (Salm 45:2)! "Fuq is-Salib kien imdendel prezz il-fidwa mill-jasar tad-dnub", kif ikompli jgħid San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani. "Dan għandkom tkunu tafu: li l-bniedem qadim tagħna kien mislub miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub" (Rum 6:6). B'xi mod setgħet tifhem li kif itenni San Pawl, "dak li ma kienx jaf x'inhu dnub Alla għamlu dnub għalina!" (2 Kor 5:21). Ma setgħet bl-ebda mod toffrilu tbatijietha biex ittaffi tbatijietu. Hu waħdu, 'l hemm mill-pont li kien waqa' għalkollox.

Hi ma kienet utilizzabbli għal xejn. Semgħet dik l-għajta tal-mewt, rat id-demm nieżel iċarċar mill-ġenb minfud; iżda kienu l-irġiel li qalgħu u niżżlu l-ġisem mejjet minn mas-salib, meta fl-aħħar tfaċċa Ġużeppi minn Arimatija bil-permess mingħand Pilatu u bil-liżar tat-tgeżwir. Forsi l-mejjet serrħuh f'ħoġor ommu, Marija; żgur imma li mhux f'ħoġorha. Hi setgħet tosserva biss, imsammra ma' l-art u mad-

dwejjaq tagħha, u hekk baqgħet sakemm il-ġisem ġie mgeżwer fil-liżar abjad u meħud fil-qabar ġdid fejn rat il-ġebla tissiġilla lill-Maħbub divin, il-Ħellies tagħha. "Kienu hemm quddiem il-qabar Marija ta' Magdala u Marija l-oħra", kif josserva xott xott l-evanġelista Mattew (Mt 27:61). Wara l-blata li kienet timblokka l-vista kien hemm dak li qabel għaliha kien l-istess ħajjitha. U matul il-jum kollu ta' l-għada s-Sibt dik il-blata kienet tross fuqha b'mod li ma ħallithiex tiċċaqlaq. "Il-jum tas-Sibt osservaw il-preċett tal-waqfien mix-xogħol" (Lq 23:56).

Sebaħ l-Għid. In-nisa biż-żjut u l-fwejjaħ sabu l-qabar miftuħ, u hija wara li marret tiġri għand id-dixxipli bl-aħbar sabet ruħha waħidha miegħu f'dik ix-xena kbira, hemm qrib il-qabar, miġjuba minn Ġwanni, il-maħbub l-ieħor ta' Ġesù. La l-bibien miftuħa tal-qabar, la d-djalogu maż-żewġ anġli li kienu wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn ta' fejn qabel kien jinsab il-ġisem tal-mejjet, u lanqas il-kelmiet ta' dak li hi ħasbitu l-ġennien ma kienu biżżejjed biex jinfdu d-dlam sfiq tal-lejl mudlam tal-Ġimgħa l-Kbira li kien għadu jaħkem il-qalb u r-ruħ tagħha. Kien biss għall-ħoss ta' isimha, "Marija", li feġġ fuqha d-dawl ta' l-Għid. U f'dak il-mument etern tgerrbet minn quddiem qalbha l-ġebla li kienet firditha minn Ġesù taħt is-Salib. "Marija... Mgħallem!": it-taħbita safja u reċiproka ta' l-imħabba. Iżda f'dak il-mument etern reġa' tela' l-ħajt li jifred: "Iżżommnix!".

Il-mara min-natura tagħha riedet iżżommu għaliha. Iżda li żżomm għalik twasslek sabiex tippossiedi. U jekk il-bniedem ma jħallix lilu nnifsu jiġu miżmum, allura hija għandha l-inklinazzjoni profonda li żżomm 'l Alla, li tippreżenta lilha nfisha bħala l-"għarusa" li hu ma għandu bl-ebda mod jitlaq. U jekk Marija f'dan il-waqt etern kienet *"personam ecclesiæ gerens"*, kif itennu s-Santi Padri, (jiġifieri tirrappreżenta l-Knisja), dan li għidna jgħodd ugwalment: anki l-Knisja bħala "għarusa" għandha tħalli fil-libertà l-Għarus u l-Kap tagħha! Għandna ħjiel ta' din il-libertà sovrana ta' Kristu, l-għarus u l-kap tal-Knisja, fit-tweġiba ta' Ġesù lil Pietru: "Jekk irrid hekk int x'inhu affari tiegħek?" (Ġw 21:22s). U dan kien meħtieġ anki għal Marija, il-Maddalena, sabiex hija setgħet tirċievi d-don tal-ħelsien Paskwali. Billi tinqata' minn ma' Ġesù hija setgħet tirċievi l-missjoni għall-"aħwa" ta' Ġesù, allura li tmur twassal l-Aħbar it-tajba lill-Appostli u d-dixxipli, u b'hekk issir



l-evanġelizzatriċi ewlenija tagħhom u tat-Testment il-Ġdid: il-mexxejja tal-Knisja! Kieku żammet qrib Ġesù din il-missjoni la kienet tkun esegwibbli u lanqas esegwita. Il-Mulej jagħti dan id-don tal-ħelsien Paskwali lilha, sew bħala Knisja sew bħala individwu wieħed, sabiex tkun tista' mhux sempliċiment tirrakkonta xi ħaġa fuq il-laqgħa tagħha miegħu iżda tittrasmetti dak li ġiet inkarigata tgħid lilhom minn Kristu! "Marija Maddalena marret minnufih għand id-dixxipli bl-aħbar: 'Rajt il-Mulej u tani din il-bxara!'" (Ġw 20:18). L-evanġelizzazzjoni ma tikkonsistix filli l-Knisja tirrakkonta lilha nfisha iżda filli l-Knisja twassal bla mittiefes l-Aħbar li ġiet espressament inkarigata li twassal minn Kristu.

L-irġiel, li kienu ddisprezzaw l-Aħbar it-Tajba mwassla minn nisa bħala "kliem vojt" (Lq 24:11) u li għalhekk kienu ġew espliċitament imċanfra minn Ġesù (Mk 16:14), laqgħu l-aħbar tal-Qawmien – Pietru qabel kulħadd (Lq 24:12; 1 Kor 15:5) – filwaqt li l-messaġġ tan-nisa tilef il-valur (in-nisa skond il-liġi Ġudajka ma kinux mgħoddija bħala xhieda validi). Iżda din l-aħbar ewlenija ma kellhiex tintesa, għax kienet l-aħbar ta' dik il-Knisja li assistiet sa l-aħħar lil Ġesù Msallab u li għaldaqstant kellha l-unur waħdieni li tkun l-ewwel li tagħmel l-esperjenza ta' l-Għid tal-Mulej, il-maħbub divin tagħha!

# Errata Corrige

B'riferenza għall-artiklu *Mons. Ġużeppi Farrugia, benefattur kbir ta' San Ġorġ*, miktub minn Francesco Pio Attard, li deher fis-suppliment ta' *Il-Belt Victoria* ta' Novembru-Diċembru 2007, fl-aħħar paragrafu qabel ir-ritratt fl-ewwel kolonna ta' paġna 9, l-ewwel vers suppost deher kif ġej (il-korrezzjoni hi indikata b'tipi grassi): "Bla dubju jkollna bżonn ħafna iżjed minn ftit paġni biex nitkellmu fuq il-festi ċentinarji, li nkiteb fuqhom fit-tul f'ħarġiet oħrajn, imma nsemmu wkoll li għal din l-okkażjoni speċjali saru festi kbar ukoll f'April 2003, b'simposju internazzjonali fuq il-qaddis, u **qrib il-jum** tal-festa liturġika ta' San Ġorġ nhar it-23 t'April ħarġet il-purċissjoni titulari filgħodu, bħal kif kienet issir fil-qedem".

# San Ġorġ, Ħamsin sena bażilika (1)

George Francis Vella – georgefrancis.vella@gmail.com

Lura għall-1958. Kienet il-ġurnata tal-Ħadd. Ottubru kien diġà daħal fil-ħames jum. L-arloġġ kien qed jimmarka l-erbgħa ta' wara nofsinhar hekk kif l-arċipriet Cefai ntlemaħ riesaq b'pass meqjus fuq il-presbiterju tal-knisja li kienet maħnuqa bin-nies. Ma kienx spettaklu ta' kuljum, aktar u aktar f'dak iż-żmien tas-sena meta l-ħajja fil-parroċċa tkun għadha qed tistejqer mir-ritmu kajman tas-Sajf. Kienet ħaġa ġdida fjamanta, mingħajr l-iċken dell fil-ġrajja l-imgħoddija; kien preżent mingħajr passat, iżda b'ġejjieni kbir.

F'salt wieħed l-għagħa tan-nies intfiet f'ħemda li ttarrax il-widnejn. L-arċipriet, wieqaf dritt xemgħa wara l-mikrofonu, beda jtarraf kelma, tnejn, tlieta sakemm inkiser u b'leħen kommoss – li ma kienx soltu tiegħu – berraħha: "San Ġorġ bażilika". Kien għoddu mank spiċċa jlissen l-aħħar sillaba li l-kotra ma nbidlitx f'miġemgħa ta' radd il-ħajr lil Alla u, waqt li refgħet ħarsitha 'l fuq, instemgħet tidwi l-għajta immortali ta' "Viva Ġorġi tagħna".

Il-qlub dlonk tkebbsu bil-fjammi ta' l-imħabba Ġorġjana hekk kif il-qniepen *Barigozzi* fetħulha kollhom qawwa sabiex b'hekk il-belt Victoria saret l-ewwel art li fuqha idda d-dawl ta' l-aħbar il-ġdida; l-idejn, li ġiethom saħħa barranija, infexxew f'ċapċip stinat hekk kif fis-sema l-murtali għollew leħinhom sabiex b'hekk ir-Rabat sar l-ewwel xandâr tal-bxara l-ġdida; l-għajnejn imtlew bi dmugħ il-hena li beda jġelben mal-ħaddejn hekk kif il-frontispizju deher għall-ewwel darba jġorr l-istendard tar-rebħa, is-salib tal-bażilika.

San Ġorġ dakinhar inbidel f'ġenna kollha kemm hi glorja, f'liturġija kollha kemm hi foħrija u f'eżerċtu kollu kemm hu trijonf. Għax tassew dakinhar ix-xemx tal-ġustizzja telgħet setgħana bħal qatt qabel biex qatt ma terġa' tinżel, dakinhar il-lejl tat-tiġrib safa mirbuħ mill-jum tal-ħlas ġust, dakinhar il-poplu Ġorġjan bir-raġun kollu fetaħ fommu biex ikanta mas-salmista: *"Exultabunt ossa humiliata"*, "Jifraħ l-għadam li kien mgħattan" (Salm 51:10).

Bid-digriet *Merito dilaudatur templum*, li jġib id-data tas-6 ta' Settembru 1958 u li permezz tiegħu l-Q.T. il-Papa Piju XII għoġbu jgħolli l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ għad-dinjità ta' bażilika minuri, infetaħ staġun ġdid, anzi bdiet rebbiegħa ġdida għall-parroċċa l-antika tal-gżira, fejn il-*"flores apparuerunt in terra,... vox turturis audita est in terra nostra"*, "fuq l-art ġa deher il-ward,... fuq artna nstema' leħen il-gamiem" (Għan 2:12).

Huwa tajjeb li niftakru kemm nisslet ferħ din il-ġrajja ta' ġieħ. Huwa tajjeb li nagħrfu l-merti li kienu ta' fejda sabiex il-knisja tagħna tiżżejjen bl-unuri kollha ta' bażilika. Iżda kemm ikun aktar tajjeb jekk nidħlu fil-qalba ta' dan l-isem li jgħodd l-eluf ta' snin!

**Il-bidu tal-"bażilika"**

Qabel ma sabet postha fil-lingwaġġ Kristjan il-kelma *bażilika* kienet ilha għal ħafna żmien fi lsien il-bniedem tad-dinja ċivilizzata. It-terminu Latin *basilica* tnissel minn ieħor (*basiliké stoà*) li fil-lessiku tal-Grieg klassiku jirriferi għall-awla rjali fejn is-sultan kien jagħti udjenzi privati kif ukoll pubbliċi. Dan l-imkien kien jikkonsisti f'kemm-il korsija li kienu jkunu magħżula minn xulxin permezz ta' ringiela kolonni.

Żgur illi r-Rumani kienu fost l-akbar promuturi tal-"bażilika" għax barra li f'ħajjithom kellha sinifikat partikulari, il-Belt Eterna kienet saret tabilħaqq iċ-ċentru universali ta' l-iprem u l-ifjen bażiliċi. Bejn is-snin 184 u 121 qabel Kristu kienu diġà ttellgħu ġewwa l-Forum Romanum, jew is-suq ta' Ruma, il-bażiliċi Porcia – l-eqdem waħda li nafu biha sal-lum, Fulvia, Sempronia u Opimia. Wara s-sena 46 qabel Kristu żdiedet magħhom il-bażilika Iulia. Dawn ħadu isimhom mill-fundaturi



*Il-fdalijiet tal-bażilika ta' Massenzju u Kostantinu, tas-seklu erbgħa, magħrufa wkoll bħala l-Basilica Nova, l-aħħar u l-ikbar bażilika fil-Forum Ruman.*

rispettivi tagħhom b'sinjal ta' qima mistħoqqa u tifkira dejjiema.

Fix-xjenza arkitettonika tar-Rumani l-kunċett ta' "bażilika" kompla jiġi żviluppat u ġew ukoll stabbiliti għadd ta' kriterji speċifiċi li l-ħarsien tagħhom kellu jiggarantixxi leġittimità sħiħa sabiex binja tissejjaħ b'dan il-mod.

Qabelxejn dawn il-bażiliċi, barra li kienu jkomplu jsebbħu u jżidu d-dekor tal-foru Ruman, kienu fuq kollox jipprovdu l-ispazju neċessarju sabiex fihom seta' jsir in-negozju. Barra minn hekk kienu jservu wkoll bħala sede għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Bil-ħsieb li dan il-post ikun jista' jilqa' fih b'faċilità l-membri tal-pubbliku l-perit responsabbli mill-istruttura kien obbligat jaħseb għal numru adegwat ta' aperturi fl-għoli minfejn seta' jinfed ġewwa d-dawl tax-xemx.

Aspetti oħra, li kienu jiġu osservati fl-iddisinjar u l-bini tal-bażiliċi, jinsabu mfissra tajjeb fit-trattat li jġib l-isem ta' *De architectura* li ħallielna l-ewwel inġinier Ruman li taf bih l-istorja, Vitruvju (c. 80/70 – c. 25 qK). Għal dan l-esponent ta' l-arkitettura Rumana binja – speċjalment bażilika – kien meħtieġ li tispikka fi tliet oqsma partikulari: *firmitas*, sħuħija; *utilitas*, siwi; u *venustas*, sbuħija. Hu nnifsu kien mexxa l-bini ta' bażilika fil-belt ta' Fano, l-Italja, dakinhar imsejħa Fanum Fortunæ.

Fil-ħames "ktieb" ta' dan it-trattat insibu l-prinċipji fundamentali li kienu jiġu mwettqa b'mod rigoruż fil-bini ta' bażilika. Din kienet tkun sala kbira msaqqfa f'forma rettangulari. Il-wisa' tagħha fuq ġewwa kienet tkun maqsuma normalment fi tlieta permezz ta' żewġ fillieri kolonni ħalli b'hekk kienu jiġu ffurmati korsija prinċipali u tnejn oħra laterali. F'tarf in-navata ċentrali kien ikun hemm abside nofs tond fejn il-maġistrat kellu s-sedja tiegħu mgħollija ħarira 'l fuq. Kien kruċjali illi



*Idea grafika ta' kif kienet il-bażilika ta' Massenzju minn ġewwa.*



*Il-fdalijiet tal-Basilica Iulia, iddedikata minn Ġulju Ċesri fis-sena 46 qK, u mibnija mill-ġdid minn Djoklezjanu.*

l-korsija ewlenija mhux biss tkun usa' min-navi iżda fuq kollox ogħla sabiex kienu jkunu jistgħu jinħolqu twieqi apposta minfejn ikun jista' jidħol id-dawl ta' barra.

Il-bażilika "Rumana" tant kienet kisbet popolarità minħabba l-funzjonalità u l-estetika tagħha illi ġa fl-ewwel żminijiet ta' l-imperu, jiġifieri fl-aħħar snin ta' l-ewwel seklu qabel Kristu u fil-bidu ta' l-ewwel millennju, kienet saret karatteristika fil-kumpless arkitettoniku ta' l-ibliet li kienu jmexxu r-Rumani. Jista' allura jagħti l-każ illi anki fil-belt Rumana ta' Għawdex, iddokumentata bħala *"Gaulos Oppidum"* u li kienet tokkupa l-parti l-antika tar-Rabat ta' żmienna biċ-ċentru tagħha San Ġorġ, kien hawn imwaqqfa xi għamla ta' bażilika fejn kienu jiġu mwettqa l-ħwejjeġ li semmejna iktar 'il fuq.

F'dan l-istess perjodu bikri ta' l-imperu Ruman – ikompli jgħarrafna Vitruvju – il-bażilika nsibuha tagħmel parti wkoll mir-residenzi privati jew palazzi tal-mexxejja ta' l-istat, fejn kienu jinżammu laqgħat importanti u jinqatgħu kwistjonijiet b'arbitraġġ. Filfatt fis-seklu tlieta wara Kristu l-klassi tal-mexxejja Rumani ma kinitx għadha tiffrekwenta l-foru bħal qabel. Dak iż-żmien kienu ħaduha drawwa illi jamministraw mill-kumdità ta' djarhom li kienu jinsabu 'l barra mill-qalba tal-belt fejn kienet tikkonċentra ruħha l-ħajja pubblika. Dawn ir-residenzi għalhekk inbidlu f'fora fil-magħluq. Fit-Tuneżija ġiet skavata bażilika "privata" li tmur lura għall-ewwel nofs tas-seklu erbgħa wara Kristu. Din is-sala, fejn kienu jingħataw l-udjenzi, hija ta' forma rettangulari u fuq il-ġnub tagħha hemm mibnija kmamar li jagħtu ġo xulxin. In-naħa ta' ġewwa s-sala tispiċċa f'abside tond b'żewġ "kappelluni" laterali.

***Ikompli fil-ħarġa li jmiss.***

# Francesco Pio u Simon jirċievu l-Lettorat

Wara li fil-ħarġa li għaddiet fuq dan il-ġurnal konna ġibna rapport ċkejken fuq ir-Rit ta' l-Ammissjoni taż-żewġ seminaristi tal-parroċċa, Francesco Pio Attard u Simon M. Cachia, issa jmiss li niddedikaw ftit spazju għal xi tagħrif fuq il-ministeru tal-Lettorat, li għadhom kemm irċivew nhar il-Ħadd 24 ta' Frar 2008.

Forsi ħafna jsaqsu xi jfisser "ministeru" u xi jfisser "Lettorat"? Il-Knisja, barra s-sagramenti ta' l-Ordni Sagri u ż-Żwieġ, li huma stat ta' ħajja fi ħdan il-komunità, bi tradizzjoni l-iktar qadima tħaddan ukoll bosta ministeri, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja liturġika tagħha. Sa qabel il-Konċilju Vatikan II, dawk li jkunu fil-formazzjoni biex jirċievu l-ordinazzjoni presbiterali, qabel kienu jirċievu wkoll l-erba' ordni minuri, kif kienu magħrufa. Illum saret riforma f'dawn, u l-kandidati għas-saċerdozju jirċievu żewġ ministeri qabel id-djakonat. Dawn huma l-Lettorat u l-Akkolitat. Dan ta' l-aħħar hu l-fakultà li jqassmu l-Ewkaristija, waqt li l-Lettorat hu l-mandat mogħti lill-Knisja biex iħabbru l-Kelma ta' Alla. Dan ma jfissirx sempliċiment li jaqraw il-qari, tradizzjonalment magħruf bħala l-Epistola, fil-Liturġija tal-Kelma u f'ċelebrazzjonijiet oħra, imma iktar minn hekk li jagħtu xhieda ta' ħajja mibnija fuq il-Kelma ta' Alla u jfittxu li jgħallmuha lill-oħrajn. Forsi wħud jirraġunaw li ħafna fil-knejjes tagħna jitilgħu jaqraw l-ewwel jew it-tieni qari mingħajr ma għandhom ministeru. Dan hu minnu, imma ma jnaqqas xejn mill-ħtieġa li din il-ħidma fil-Knisja tingħata b'ministeru, b'mandat uffiċċjali mill-Isqof. Dan hu li għadhom kemm irċivew Francesco Pio u Simon, flimkien ma' żewġ sħabhom oħra – Maximillian Grech mill-parroċċa tal-Katidral ta' l-Assunta u Noel Debono mill-parroċċa tan-Nadur – li bħalhom jinsabu fil-ħames sena ta' formazzjoni fis-Seminarju ta' Għawdex u fit-tieni sena ta' l-istudju tat-teoloġija.

Il-ministeru ngħata f'konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, u li għaliha kienu preżenti numru sabiħ ta' saċerdoti u lajċi, fosthom membri tal-familja, ħbieb u anki membri mill-gruppi li



fihom jaħdmu dawn is-seminaristi. Francesco Pio din is-sena qed jagħmel esperjenza pastorali fil-parroċċa tax-Xewkija, waqt li Simon qiegħed iż-Żebbuġ u l-Għasri. Fil-kolleġġjata u bażilika tal-Viżitazzjoni, fl-Għarb, fejn saret il-quddiesa li bdiet fl-16.00, kien hemm preżenti wkoll rappreżentanza mill-parroċċa tagħna għal din l-okkażjoni għażiża.

L-isqof Grech ispira ruħu mil-liturġija tat-tielet Ħadd tar-Randan u fl-omelija tiegħu tkellem fuq il-ħtieġa tas-soċjetà tal-lum li, bħas-Samaritana, taqta' l-għatx tagħha bl-ilma ħaj li jagħti biss Ġesù. Hu indirizza lill-erba' seminaristi u stedinhom ikunu xandâra bil-kliem u bl-għemil ta' din il-Kelma ta' Alla, li b'dan il-ministeru ġdid qed tiġi fdata lilhom. Wara l-omelija sar ir-rit proprju ta' l-għoti tal-Lettorat, fejn kull wieħed mill-erbgħa resaq quddiem l-isqof u rċieva mingħandu l-ktieb ta' l-Iskrittura, simbolu tar-responsabbiltà li issa għandu li jgħix u jxandar il-Kelma.

Il-komunità parrokkjali kollha tagħha tissieħeb fit-talb għaż-żewġ seminaristi tagħha u sħabhom f'dan il-ministeru ġdid li issa għandhom, li mhux biss jagħtihom id-dritt li jħabbru l-qari fil-quddiesa u ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, imma wkoll jimlihom bl-impenn biex l-ewwel u qabel kollox ifasslu ħajjithom fuq dik tal-Mulej Ġesù.

# Għinuna...

Bħal kull pubblikazzjoni oħra din ir-rivista *Il-Belt Victoria*, barra x-xogħol kbir ta' tħejjija li tiswa, issir bil-flus. Il-parroċċa tieħu ħsieb tħallas l-ispejjeż ta' l-istampar minkejja li dawn m'humiex ftit! U dan tagħmlu b'servizz: biex din il-pubblikazzjoni tista' titqassam regolarment b'xejn lil kull familja kif ukoll lill-emigranti u l-ħbieb tal-parroċċa ta' San Ġorġ, għax nemmnu li hi ħolqa sabiħa ta' kuntatt.

Normalment nistampaw madwar **1700 kopja minn kull ħarġa** (kull xahrejn), u dawn b'kollox jiġu jiswewlna **€233** (Lm100). Dan barra li nibagħtu fuq **200 kopja bil-posta**, kemm f'Malta (fuq mija) u kemm barra (l-Awstralja, l-Istati Uniti, il-Kanada, l-Amerika Latina, l-Afrika u l-Ewropa), li b'kollox bħalissa qed jiġuna fuq **€93** (Lm40). Dan barra spejjeż oħra żgħar li nonfqu sakemm nieħdu l-materjal għall-istampa u xħin niġu biex inqassmu r-rivista fid-djar.

Għalhekk, filwaqt li rroddu ħajr lill-ħaddiema fl-*A&M Printing* tal-Qala għax-xogħol dedikat tagħhom, u lil dawk li diġà huma benefatturi ta' *Il-Belt Victoria*, nixtiequ **nġeddu l-appell tagħna għal iktar benefatturi** li jgħinu biex din il-pubblikazzjoni tista' tibqa' taslilkom b'mod regolari u bil-kwalità li għaliha tellajnieha fl-aħħar snin.

Kull donazzjoni tista' tintbagħat lill-**Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria, VCT 1100, Għawdex**.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-ġenerożità tagħkom.

***Il-Bord Editorjali***

**• 6 ħarġiet fis-sena • 1700 kopja kull ħarġa • €233 kull ħarġa • €93 posta lill-emigranti**

**Kull donazzjoni tista' tintbagħat lill-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria, VCT 1100, Għawdex**

# Is-Sena Pawlina, bejn pastorali u kultura

Is-Sena Pawlina ġiet imsejħa fit-28 ta' Ġunju 2007, nhar il-vġili tas-solennità ta' San Pietru u San Pawl, minn Benedittu XVI. Dan il-ġublew speċjali sa jiftaħ fit-28 ta' Ġunju 2008 u mbagħad jagħlaq fl-istess jum fl-2009. L-idea hi li jiċċelebra l-elfejn sena mit-twelid ta' l-Appostlu tal-Ġnus, imma fil-ħsieb tal-Papa hu pass importanti fil-mixja ekumenika tal-Knisja, biex "tkompli miexja fit-tiftixa umli u sinċiera ta' l-għaqda sħiħa tal-membri kollha tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu". Ma jistax jonqos li s-sede pprivileġġjata ta' l-attivitajiet l-aktar sinifikattivi tkun il-bażilika ta' San Paolo fuori le Mura, f'Ruma, li minn Lulju 2008 sa tilqa' fiha tnax-il laqgħa internazzjonali li sa jittrattaw bosta realtajiet ekkleżjali (reliġjużi, missjunarji, żgħażagħ, familji, saċerdoti, u oħrajn). Fost dawn l-iktar importanti sa tkun laqgħa ekumenika f'Jannar 2009, meta taħbat ukoll il-Ġimgħa ta' Talb għall-għaqda bejn il-Kristjani. Il-bażilika ta' San Pawl fetħet ukoll websajt fuq l-internet – www.annopaolino.org – li fiha wieħed jista' jaġġorna ruħu b'aħbarijiet u tagħrif utli: fost l-oħrajn wieħed jista' jsib u jniżżel katekeżi, il-*Lectio Divina* ta' kuljum u anki sussidji għal mumenti komunitarji ta' talb. Imbagħad huma maħsuba xi appuntamenti mużikali importanti: fit-23 ta' Marzu l-eżekuzzjoni tar-*Riżurrezzjoni* ta' Gustav Mahler taħt id-direzzjoni ta' Zubin Mehta; fil-21 ta' Ġunju l-laqgħa dinjija-ekumenika tal-korijiet; fit-28 ta' Ġunju l-kunċert tal-ftuħ tal-ġublew bl-eżekuzzjoni tal-*Messiah* ta' Händel taħt id-direzzjoni ta' Lorin Maazel. Ma jonqsux il-konvenji ta' interess bibliku-eseġetiku, fosthom il-Kungress Ekumeniku ta' Studji Pawlini.

Meta ħabbar din is-sena ġubilari Pawlina Benedittu XVI talab lill-kongregazzjonijiet "li jġibu l-isem ta' San Pawl jew li jispiraw ruħhom mill-figura tiegħu" biex jikkollaboraw fl-avvenimenti ġubilari. Għalhekk ma setgħux jonqsu l-kongregazzjonijiet Pawlini mwaqqfa mill-beatu Giacomo Alberione, li fost l-oħrajn ħarġu wkoll b'logo uniku bħala espressjoni ta' l-inizjattivi li sa jittieħdu fid-dawl ta' din is-Sena Pawlina. Fuq quddiem ta' dawn hi l-pubblikazzjoni ta' "manwal tal-pellegrin", f'kollaborazzjoni mal-bażilika; edizzjoni speċjali ta' l-ittri ta' l-Appostlu; u fl-aħħarnett flimkien mal-moviment tal-Fokolari qed jiġi maħsub spettaklu mużikali kbir miktub għall-okkażjoni.

F'Malta s-*Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (MSSP)*, imwaqqfa fl-1910 mill-Qaddej ta' Alla Mons. Ġużeppi De Piro, hi l-uniku moviment reliġjuż li jġib isem l-Appostlu tal-Ġnus, u filfatt, imdawla mill-ħeġġa li kellu għax-xandir tal-Bxara t-Tajba, tqis bħala missjoni tagħha b'mod partikulari l-evanġelizzazzjoni.

Tagħrif miġbur mir-rivista *Jesus* (Jannar 2008)

# "San Ġorġ" f'Lidda

Bejn l-10 u t-18 ta' Frar 2008 il-komunità tas-seminaristi fid-djoċesi tagħna kienet f'pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa, flimkien ma' Patri Twanny Chircop OFM, Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa f'Malta. Dan kien it-tieni pellegrinaġġ fl-aħħar tliet snin li s-seminaristi għamlu lejn l-art tal-poplu l-magħżul u ta' Ġesù. Fil-grupp ta' ħamsa u għoxrin ruħ kien hemm sintendi ż-żewġ seminaristi tal-parroċċa, Francesco Pio Attard u Simon M. Cachia, kif ukoll żewġ saċerdoti mill-parroċċa tagħna li huma professuri fis-seminarju maġġuri, li għalihom din kienet l-ewwel żjara f'Israel: l-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia u Dun Ġorġ Borg, direttur tal-Moviment *Ta' Kana* f'Għawdex.

Il-pellegrinaġġ kien maqsum f'żewġ waqfiet kbar: waħda fil-Galilija, li allura tinsab fit-tramuntana tal-pajjiż; u l-oħra isfel fil-Lhudija, fejn hemm il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm. Il-grupp żar postijiet li jfakkru l-Inarnazzjoni u l-Fidwa ta' Sidna Ġesù Kristu – il-Karmelu, Nazareth, Kafarnahum, it-Tabor, l-Għadira tal-Galilija, Kana, ix-xmara Ġordan, id-deżert ta' Ġuda u l-muntanja tat-Tentazzjonijiet, Betlehem, Ein Karem, Għemmaws u, l-aktar importanti, Ġerusalemm, fejn huma kkonċentrati l-ġrajjiet il-kbar tas-salvazzjoni tagħna. F'Betlehem, b'mod partikulari, li llum il-gvern Israeljan tellgħalha ħajt madwarha biex jagħlaq it-territorju Palestinjan, ix-xbieha ta' San Ġorġ hi komuni ħafna. Biżżejjed wieħed isemmi li d-djar Kristjani jingħarfu minn dawk Musulmani minħabba fix-xbieha ta' San Ġorġ fuq il-bibien tagħhom.

Imma l-erba' membri mill-parroċċa tagħna kellhom ix-xorti sabiħa li fl-aħħar jum tal-pellegrinaġġ, minflok iduru s-swieq bieżla ġewwa mill-ħitan ta' Ġerusalemm, qabdu taxi u rħewlha lejn il-belt ta' Lidda, jew Lod, ftit



mili 'l barra. Kienet esperjenza sabiħa u xi ftit avventuruża wkoll li fiha qattgħu ħafna ħin fis-santwarju ta' San Ġorġ f'Lidda, fejn sal-lum għadu miqjum b'għożża l-qabar tal-qaddis tagħna. Il-knisja ċkejkna imma ħelwa ta' Lidda, illum f'idejn il-Griegi Ortodossi, tmiss ma' moskea li nbniet maġenbha, u hi artistika ħafna. Dan l-aħħar żdied sew ix-xogħol ta' ikoni fiha u reġgħet ħadet il-ħajja wara żmien ta' telqa kbira. Kif jistgħu jirrakkuntaw dawn ħutna li marru, kienu mumenti għeżież ħafna li qattgħu jitolbu fil-kripta, eżattament taħt il-parti ċentrali tal-knisja, maġenb il-qabar tal-qaddis patrun tagħna, li skond it-tradizzjoni ġismu ttieħed f'din il-belt wara l-martirju glorjuż tiegħu fis-sena 303. Hawn huma offrew talb għall-parroċċa tagħna, u allura għal ftit ħin il-komunità parrokkjali kollha setgħet tħossha "preżenti" f'dan il-post għażiż.

Mons. Ġużeppi Farrugia hu mistenni jagħti lekċer fuq il-bażilika ta' Lidda, bl-għajnuna ta' bosta ritratti u xi filmati li ttieħdu fil-post.

# Mons. Mario Grech – Sentejn isqof ta' Għawdex

F'Jannar li għadda Mons. Mario Grech għalaq sentejn isqof ta' Għawdex. Kienu sentejn li raw bosta bidliet fid-djoċesi tagħna. Il-parroċċa ta' San Ġorġ, li l-qalb tagħha tħabbat bħal dejjem fil-qalba tad-djoċesi, ma setgħetx kienet barranija għall-ġrajjiet li seħħu b'rabta ma' l-isqof tagħna, li hu r-ragħaj tal-merħla Kattolika fil-gżira ta' Għawdex. Kemm-il darba l-isqof Grech ġie f'San Ġorġ biex jiċċelebra mal-komunità parrokkjali kif ukoll f'diversi okkażjonijiet uffiċċja solennament kif jitlob id-dmir tiegħu ta' dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana. Dan lilna jimliena b'ferħ kbir, u b'sens ta' ubbidjenza u mħabba lejn dak li jirrappreżenta lil Kristu fostna. Qed nagħtu kronaka ċkejkna ta' xi ġrajjiet importanti li seħħu f'dawn is-sentejn b'rabta ma' l-isqof Mons. Mario Grech u l-parroċċa ta' San Ġorġ.

Is-Sibt 26 ta' Novembru 2005 ixxandar uffiċjalment li l-papa Benedittu XVI innomina lil Mons. Mario Grech, saċerdot minn Ta' Kerċem, bħala t-tmien isqof tad-djoċesi ta' Għawdex. Fil-bażilika ta' San Ġorġ dan tħabbar b'mota solenni u b'messaġġ fil-quddies kollu. Dakinhar filgħaxija l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, flimkien ma' delegazzjoni tal-kapitlu u l-kleru, żaru lil Mons. Grech fid-dar tiegħu f'Ta' Kerċem biex jagħtuh l-awguri tagħhom. Kienet għadha ċara f'moħħ kulħadd il-figura ta' Mons. Grech, dakinhar kappillan tal-parroċċa tal-Verġni Mqaddsa Tas-Sokkors u ta' San Girgor il-Kbir, f'Ta' Kerċem, jagħti t-tliet priedki tat-Tridu ta' San Ġorġ, mit-13 sal-15 ta' Lulju 2005.

Il-Ħadd 22 ta' Jannar 2006 ġie kkonsagrat it-tmien isqof ta' Għawdex, minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, isqof emeritu, fil-knisja katidrali ta' l-Assunta, fil-belt Victoria, filgħodu. Il-motto li hu għażel għall-ministeru episkopali tiegħu hu l-kelmiet ispirati mill-ġrajja ta' Ġesù u d-dixxipli ta' Għemmaws: *In Fractione Panis – Fil-Qsim tal-Ħobż* (Lq 24:35).

Il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2006 ta bidu għall-ewwel żjara pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġorġ. F'din l-okkażjoni tħejja programm speċjali ta' attivitajiet u ċelebrazzjonijiet, fejn l-Isqof iltaqa' mal-bosta kategoriji tal-komunità parrokkjali. Dan laħaq il-qofol tiegħu l-Ħadd 5 ta' Frar meta ħa l-pussess bħala t-tieni dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana waqt konċelebrazzjoni pontifikali solenni. Fl-istess okkażjoni hu għamel ukoll żjara uffiċċjali lis-sede tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, fil-każin *Astra*.

L-Erbgħa 7 ta' Ġunju 2006 iffirma stqarrija approvata mill-Kulleġġ tal-Kappillani tad-djoċesi ta' Għawdex fuq il-festi titulari, b'linji-gwida partikulari fuq l-hekk imsejjaħ "marċ ta' filgħodu", li nqrat fil-quddies kollu tal-Ħadd 11 ta' Ġunju fil-bażilika.

It-Tnejn 10 ta' Lulju 2006 inawgura l-orgni Ingliż tal-kanni mibni mill-ġdid fis-Sala *San Mikiel*, fiċ-ċentru parrokkjali, lejn tmiem kunċert mill-mużiċista Richard Vendome.

Il-Ħadd 16 ta' Lulju 2006 filgħodu mexxa l-ewwel pontifikal solenni tiegħu tal-festa titulari ta' San Ġorġ, bħala isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata, bit-tema ta' l-omelija tiegħu tkun *San Ġorġ jisfidana biex inkunu xhieda ta' Kristu bil-martirju*. Filgħaxija mexxa l-purċissjoni pontifikali bl-istatwa titulari.

Is-Sibt 12 ta' Awwissu 2006 mexxa l-funeral ta' Dun Louis Bezzina, saċerdot tal-parroċċa ta' San Ġorġ, fil-bażilika, li hu kien żar kemm-il darba fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex tul il-marda terminali tiegħu.



Il-Ħadd 3 ta' Diċembru 2006 mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar, li fiha ta l-pussess ta' kappillan ta' dik il-parroċċa lill-Kan. Tonio Galea, saċerdot mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Fl-okkażjoni ta' dan il-pussess ħatar ukoll lil Dun Tonio membru onorarju tal-kolleġġjata Ġorġjana, waqt ċerimonja apposta li saret fil-bażilika li fi tmiemha telaq il-korteo lejn il-Munxar.

Mit-Tnejn 5 sal-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2007 mexxa hu l-eżerċizzi spiritwali parrokkjali tar-Randan għall-koppji miżżewġa.

Is-Sibt 26 ta' Mejju 2007 mexxa l-velja djoċesana ta' Għid il-Ħamsin fi Pjazza San Ġorġ.

It-Tlieta 5 ta' Ġunju 2007 mexxa translazzjoni bir-relikwa ta' San Ġorġ Preca, l-ewwel lejn il-bażilika, u mbagħad mill-bażilika għall-knisja katidrali ta' l-Assunta. Dan wara li Dun Ġorġ ġie ddikjarat l-ewwel qaddis Malti kkanonizzat mill-papa Benedittu XVI, fit-3 ta' Ġunju, f'Ruma.

Is-Sibt 30 ta' Ġunju 2007 bierek il-proġett il-ġdid ta' l-illuminazzjoni tal-bażilika fi tmiem kunċert Barokk ta' mużika sagra mill-kor tal-bażilika *Laudate Pueri*.

Il-Ħadd 15 ta' Lulju 2007 filgħodu mexxa fil-bażilika l-pontifikal solenni ta' jum il-festa ta' San Ġorġ, fejn għamel l-omelija bit-tema *L-Eskatoloġija*. Qabel il-pontifikal bierek informalment it-tabernaklu l-ġdid tal-fidda fil-kappella ġdida neo-Biżantina tal-Kurċifiss. Filgħaxija mexxa l-purċissjoni pontifikali tal-festa. Fl-okkażjoni tal-festa, fil-bidu ta' l-istess xahar, hu ħatar tliet membri onorarji ġodda għall-kolleġġjata Ġorġjana: il-Kan. George J. Frendo, assistent *maestro di cappella*; Mons. Giuseppe Liberto, direttur mużikali tal-kappella mużikali papali *La Sistina*; u l-Kan. Claudio Marras, segretarju personali ta' l-isqof tas-Sardinja.

It-Tlieta 18 ta' Settembru 2007 iffirma d-digriet, maħruġ mill-Kurja Veskovili ta' Għawdex, li bih innomina lil Mons. Pawlu Cardona, minn Ta' Sannat, arċipriet tal-parroċċa ta' San Ġorġ b'effett immedjat. Dakinhar stess akkumpanja lil Mons. Cardona fi żjara lill-knisja u l-uffiċċju parrokkjali.

Il-Ħadd 30 ta' Settembru 2007 mexxa fil-bażilika l-funeral ta' Mons. Salv Borg, arċipriet emeritu tal-parroċċa ta' San Ġorġ.

Il-Ħadd 4 ta' Novembru 2007 mexxa konċelebrazzjoni pontifikali li fiha ta lil Mons. Pawlu Cardona l-pussess bħala arċipriet tal-parroċċa ta' San Ġorġ.

Il-Ħadd 11 ta' Novembru 2007, fil-knisja parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Loreto, Għajnsielem, għamel ir-Rit ta' l-Ammissjoni lil żewġ seminaristi mill-parroċċa ta' San Ġorġ – Francesco Pio Attard u Simon M. Cachia – flimkien ma' tnejn oħra.

It-Tlieta 29 ta' Jannar 2008 il-Konferenza Episkopali Maltija, fuq suġġeriment tiegħu, ħatret lil Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu, President tal-Kummissjoni *Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa*. Hu kien ħatru wkoll delegat tiegħu għall-kultura fid-djoċesi ta' Għawdex.

# Rokna għat-Tfal

Kif intom, għeżież ħbieb tiegħi! Frar qed iħallina wkoll. Ġabilna miegħu l-aħħar parti tal-Karnival u l-bidu tar-Randan imqaddes. Dan huwa żmien ta' penitenza u sagrifiċċju, u sewwa li kieku lkoll kemm aħna nifhmu ftit l-importanza tas-sagrifiċċju fil-ħajja. Anki l-istess Ġesù qabel ma beda l-Passjoni ħarxa tiegħu mar twarrab fid-deżert u hemm qatta' erbgħin jum ta'penitenza, ittantat anki mix-Xitan li ma ħalliehx mument bi kwietu! Forsi tgħidu: "Aħna t-tfal x'tip ta' sagrifiċċju nistgħu nagħmlu matul dan ir-Randan?". Jekk tridu tistgħu tagħmlu elf ħaġa. Mhux l-ewwel darba ma jkollokx aptit tistudja; allura meta tiġik din it-tentazzjoni agħmel proponiment li tistudja iktar bil-qalb; naqqas mill-ħelu u s-softdrinks; naqqas mill-ħin li s-soltu tqatta' quddiem it-televiżjoni jew quddiem il-kompjuter; naqqas miċ-chatting; kun iktar ubbidjenti; u ara, fl-aħħarnett, li ma titlifx iċ-ċans li tisma' l-eżerċizzi spiritwali li jsirulkom kemm l-iskola u kemm fil-parroċċa.

Kif tafu bħalissa għandna wkoll l-elezzjonijiet ġenerali. Sewwa li taqraw fuq dak li jkun għaddej fil-pajjiż għax dan iservikom ukoll ta' tagħrif ġenerali, iżda mbagħad m'hemmx għalfejn toqogħdu titkellmu bejnietkom fuq hekk għax dan m'hux ħobż għal snienkom! Bħalissa hemm ħwejjeġ importanti iktar minn hekk għalikom! Nittama li mortu tajjeb fl-eżamijiet ta' nofs is-sena u ġa qed tħarsu 'l quddiem b'fiduċja lejn dawk ta' l-aħħar tas-sena li, jekk toqogħdu taraw ftit, m'humiex daqstant fil-bogħod.

Inħeġġiġkom biex tieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-knisja tagħna f'dan il-jum għażiż, li din is-sena sa jaħbat fil-21 ta' Marzu. Ġimgħa qabel ikollna purċissjoni oħra għażiża, dik tad-Duluri li toħroġ mill-knisja ta' San Ġakbu wara li l-Isqof iqaddes fuq iz-zuntier tal-knisja. Taraw mela li dħalna fi żmien tassew sabiħ u għażiż. Min jaf intomx issibu għaxar minuti ħin kuljum biex tmorru tinvistaw l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra li ssibuhom f'kull knisja! Bla dubju l-qofol ta' kollox ikun Ħadd il-Għid meta nfakkru l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

Għal-lum sa nieqaf hawn. *Iz-Ziju Joe*

# Qaddisin "Ġorġjani" (13)

*Kitbu dwar il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-tempju ddedikat lilu.*

**Antoine Vassallo** – *vasanti@waldonet.net.mt*

## San Ġorġ Preca

*(tifkira liturġika fid-9 ta' Mejju)*

Din is-sena nixtieq inħares lejn persunaġġi li "jiddandnu" b'dan l-isem; ovvjament nibda bl-ewwel Malti kkanonizzat. Ma tantx hemm bżonn ngħid fuq ħajjet il-fundatur tal-*Museum*; nillimita ruħi għal xi żewġ "konnessjonijiet" Ġorġjani.

- Jidher li l-isem Ġorġ kien ħafna għal qalb il-familja Preca: żewġt aħwa subien akbar minnu kellhom dan l-isem sekondarju waqt li tlett ibniet ingħataw ukoll l-isem ta' Ġorġa jew Ġorġina.
- Il-postulatur Mons. Charles Scicluna rripeta waqt il-festi tal-kanonizzazzjoni: "San Ġorġ martri selliflu ismu".
- Patri William Axiaq OFMCap (mgħammed Ġorġ) jikkonferma kemm kien għal qalb Dun Ġorġ dan l-isem. Jirrakkonta: "Qabel ma dħalt patri, staqsejtu x'isem għandi nitlob għal jum il-vestizzjoni. Weġibni biex inħallih Ġorġ. Meta għidtlu li diġà kien hemm ieħor b'dak l-isem, wera dispjaċir". Iżid li kien miġbud lejn is-sinifikat etimoloġiku ta' l-isem: ħaddiem l-art (fl-għalqa tal-Mulej!).
- Nafu wkoll li fost il-ftit festi li kien jipparteċipa fihom Dun Ġorġ kien hemm dik ta' San Ġorġ (Ħal Qormi).
- Il-fergħa maskili tal-*Museum* bdiet stabbilment f'Għawdex fit-23 ta' April 1941, fil-parroċċa ta' San Ġorġ.



- Il-kor tal-parroċċa *Laudate Pueri* ta sehmu f'Ruma fit-3 ta' Ġunju 2007, waqt il-quddiesa tal-kanonizzazzjoni (mistieden mid-direttur tal-kor tal-*Cappella Sistina*), bl-arċipriet emeritu Mons. Salv Borg (bħala assistent ekkleżjastiku tal-*Museum* f'Għawdex) fost il-konċelebranti; kif ukoll fil-quddiesa għas-saċerdoti Maltin li kienu Ruma, immexxija mill-postulatur (fuq ix-xewqa tiegħu stess).
- Mons. Alfred Xuereb (bin din il-parroċċa u llum assistent segretarju privat tal-Qdusija Tiegħu) kien tqabbad – f'isem l-episkopat Malti u f'isem il-*Maltapost* – jippreżenta lil Benedittu XVI riproduzzjoni fid-deheb ta' bolla maħruġa bħala tifkira.
- Fil-bażilika għandna pittura *full-size* (2005) tar-ritrattista Raymond Pitrè li diġà ddaħħlet f'kotba u ntużat għall-qoxra ta' mill-inqas pubblikazzjoni waħda fuq San Ġorġ Preca. Kienet prominenti anki waqt il-velja djoċesana pontifikali fi Pjazza San Ġorġ li serviet bħala tħejjija spiritwali għall-kanonizzazzjoni. Oriġinarjament dan il-kwadru kien imdendel fis-sagristija (mal-beati l-oħra Maltin u persunaġġi Għawdxin); illum jinsab għall-qima fil-kappella ta' San Ġorġ maġenb l-istatwa ta' l-Irxoxt.

Iktar tagħrif jinstab f'diversi pubblikazzjonijiet tal-*Museum*, fil-volum enċiklopediku *SAN ĠORĠ*, f'*Il-Belt Victoria* u f'bosta oħra.